MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 27/2006

Easysell Caterers (Gozo) Limited .

vs

Benjamin u Concetta konjuġi Bonello,
Twan u Sharlene konjuġi Vella.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi, li permezz tiegħu, wara li ppremettiet illi:

1. Illi s-soċjeta' attriċi tipprovdi servizz ta' catering u organizazzjoni ta' receptoins tat-tiġijiet fl-Mgarr Hotel, fl-Imgarr Għawdex.

2. Illi fuq talba tal-konvenuti ġie organizzat tieġ f'din il-lukanda fid-disgħa (9) ta' Lulju elfejn u ħamsa

(2005) fl-okkażżjoni tat-tieġ tal-konvenuti Twan u Sharlene konjuġi Vella.

3. Illi għal dan is-servizz mogħti lill-konvenuti, il-konvenuti jew min minnhom għad fadlilhom iħallsu l-ammont ta’ ħamest elef seba’ mija, tnejn u tmenin lira Maltija u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm5782.43).

4. Illi l-konvenuti baqgħu ma ħallsux l-istess debitu u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet.

5. Illi dawn il-fatti qed jiġu dikjarati minn Albert Camilleri li għandu konoxxenza proprja tagħhom.

Talbet lill-konvenuti jew min minnhom jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu lill-attriċi l-ammont ta’ ħamest elef seba’ mija, tnejn u tmenin lira Maltija u tlieta u erbgħin ċenteżmu (Lm5782.43c) flimkien ma’ l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija b’effett mid-data tal-prestazzjoni tas-servizz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri interpellatorji datati erbgħa u għoxrin (24) ta’ Awissu elfejn u erbgħa (2004) u sittax (16) ta’ Awissu elfejn u ħamsa (2005) u ta’ l-ittra uffiċċjali spedita fit-tmienja (8) ta’ Marzu elfejn u sitta (2006).

Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi huwa fatt inkontestat illi s-soċjeta’ attriċi organizzat ‘tieġ’ fl-Imgarr Hotel fl-okkażżjoni tat-tieġ tal-konvenuti Twan u Sharlene konjuġi Vella;

2. Illi pero’ l-prestazzjonijiet tas-soċjeta’ attriċi huma nfundati fid-dritt u fil-fatt . dana stante illi, kif ġia ġie ddikjarat mill-esponenti u dana anke ma’ uffiċċjali ta’ l-istess soċjeta’, s-servizz mogħti mill-istess soċjeta’ kien

ferm ‘il bogħod minn dak li wieħed jippretendi minn soċjeta’ li ġġestixxi lukanda *five star superior* bħal ma kienet l-Imġarr Hotel. Di fatti s-servizz mogħti kien wieħed altament ħażin, tant illi diversi mistednin spiċċaw l-isptar u/jew morda wara l-imsemmi r-riċeviment; u għalhekk żgur ma jilħaqx il-livell mistenni u li bl-ebda mod ma jirrifletti l-ammont sostanzjali ta’ flus imħallas mill-konvenuti versu l-għoti ta’ l-imsemmi servizz;

3. Illi għalhekk, kif ser jirriżulta matul id-dekors tal-kawża, l-konvenuti bl-ebda mod ma jistgħu jinżammu responsabbli sabiex iħallsu kwalunkwe ammonti versu servizz li kien skadenti, mhux ta’ livell u li di fatti rreka dann fiżiċi lil diversi mistednin kif ukoll danni morali rriparabbli lill-konvenuti Twan u Sharlene konjuġi Vella;

4. illi fit-tielet lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta’ attriċi bl-ebda mod ma tista’ titlob kwalunkwe ħlasijiet ta’ imgħaxijiet fuq ammont li mhuwiex likwidat u minn żmien qabel ma intbagħtet ittra uffiċċjali lill-konvenuti;

salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tagħha ta' l-14 ta' Jannar 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed ifittxu li jiġbru mingħand il-konvenuti l-ħlas għal riċeviment ta' tieġ li kien sar fil-lukanda Mgarr Hotel fid-9 ta' Lulju 2005. Il-konvenuti qegħdin jirrifjutaw li jħallsu għax jikkontendu illi s-soċjeta' attriċi ma wettqitx l-obbligi assunti minnha skond il-ftehim milħuq bejn il-partijiet, u dan għaliex isostnu li ħafna mill-mistednin għal dan ir-riċeviment spiċċaw ibatu b'gastro-interite qawwija kawża ta' avvelenament ta' l-ikel.

M'hemmx dubbju illi għalkemm ma ġiet esebita ebda skrittura dwar il-ftehim li bih is-soċjeta' attriċi kellha torganiżża dan ir-riċeviment, hawnhekk si tratta minn kuntratt ta' appalt. Fl-'Enciclopedia del Negoziante' ppublikat f'Venezia fl-1839 insibu din id-deskirizzjoni tal-**kuntratt ta' appalt**: *"E' l'appalto una convenzione generale che abbracia e realizza una serie d'atti successivi e della medesima natura. Questo modo d'impegno, applicabile alla maggior parte delle transazioni, e' chiamato a prestare servigi immensi all'industria ed al commercio quando sia meglio inteso. Esso procura una economia di tempo, di spostamenti, di fatiche, e per conseguenza una diminuzione di spese: quest'e' il minimo suo vantaggio; pero' che induce anche nelle operazioni la sicurezza e la regolarita'. "* [1]

Il-liġi tagħna ftit titkellem dwar l-obbligi tal-appaltatur.[2] Ġie pero' stabilit fid-duttrina u fil-ġurisprudenza illi:

"*Le obbligazioni dell'appaltatore in ordine alla esecuzione del contratto di appalto altre sono principali o accessorie.*

*Incominciando dalle prime diremo che le medesime riflettono l'obbligo in lui di eseguire le opere conformemente alla speciale convenzione stipulata, od, in difetto di preciza indicazione di questa, in modo approvabile, di guarantire la solidita' delle opere, di eseguire nel tempo pattuito o in quello congruo da fissarsi, di eseguire coi materiali prescritti, nella quantita' prescritta, nel luogo e colla forma indicati.*

*Le obbligazioni accessorie riflettono l'obbligo di sopportare talune spese e prestazioni accessorie, di rispondere dei propri operai, di rispondere verso i terzi dannegiati nella esecuzione, di rispondere infine per l'inosservanza dei regolamenti e delle leggi speciali, di fare e prestarsi a fare tutto cio' che assicuri la migliore esecuzione delle opere, di subire in taluni casi le clausole*

---

[1] Vol. I p. 443 .
[2] art. 1633 - 1643 tal-Kap. 16 .

*penali, le ritenute, la esecuzione di ufficio, specialmente in tema di lavori pubblici."* [3]

Kif huwa stabilit mill-ġurisprudenza: "*Ma jista' qatt ikun in dubbju illi l-obbligu ta' l-appaltatur, di fronte għall-kommittent, hu dak li jesegwixxi l-opra kommissjonata lilu. Mhux hekk biss. Hu għandu l-obbligu wkoll* ***'di eseguire bene 'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, e deve almeno prestare una capacita' ordinaria'****.* (kollez. vol. XXVII p1 p 374).[4] Ġie wkoll preċiżat fl-istess sentenza illi: "***L-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skond is-sengħa, u meta hu jissoministra anke l-materjal, dan għandu jirrispondi għall-konsegwenzi kollha skond il-liġi***. (Kollez. vol. XLI p II p 892).

Fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha s-soċjeta' attriċi tgħid illi d-difiża tal-konvenuti hija improponibbli għaliex trattandosi minn kondizzjoni riżoluttiva taċita, ġialadarba ma kien intqal xejn f'dan ir-rigward fil-ftehim, il-konvenuti messhom talbu x-xoljiment ta' dan il-kuntratt permezz ta' kawża *ad hoc*, jew ta' l-inqas b'kontro-talba f'din l-istess kawża, u mhux *per via di eccezione*.

Il-liġi tagħna tirregola l-kondizzjoni risoluttiva taċita bil-mod segwenti:

"**Il-kondizzjoni riżoluttiva tingħad dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha;**

**Iżda f'dak il-każ, il-kuntratt ma jinħallx *ipso iure*, u l-qorti tista', skond iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ**." [5]

[3] Marco Vitalevi : Digesto Italiano Vol. III. pte. 2a; Torino, 1926 # 79 pag. 40 .
[4] Appell Inferjuri (Għawdex) : Anthony Cauchi vs Pierre Galea et. : 26.4.2006 .
[5] art. 1068 kap. 16 .

Ġie spjegat dwar klawsola simili fil-Kodiċi Ċivili Taljan l-antik,[6] illi : "…*la condizone risolutiva tacita non e' che una specie del genere piu' lato, condizione risolutiva. E' dunque al concetto della condizione risolutiva espressa che si deve fare ricorso per chiarire i dubbi, e risolvere i punti che non siano stati dal legislatore stesso particolarmente e specilamente regolati.*
*Profonde tuttavia sono le differenze che intercedono fra la condizione risolutiva espressa, e la condizione risolutiva tacita. E infatti: (i) mentre la condizione risolutiva espressa opera* ***ipso iure****, la condizione risolutiva tacita da' luogo, all'interessato, il diritto di chiedere la risoluzione del contratto avanti all'autorita' giudiziaria, la quale dovra' pronunciare mediante sentenza… (ii) mentre la condizione risolutiva espressa opera anche contro il volere delle parti, la condizione risolutiva tacita opera solo in quanto le parti la invochino; (iii) infine, mentre la condizione risolutiva espressa opera* ***ipso iure*** *per quanto si attiene alla cessazione del rapporto contrattuale, ma non da' luogo … a risarcimento di danni, la parte che ottenga la risoluzione del contratto, per il verificarsi della condizione risolutiva tacita, ha diritto anche al risarcimento degli eventuali danni*." [7]

Infatti ingħad mill-qrati tagħna, in applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, illi:

" *Huwa veru li l-patt kommissorju taċitu għandu l-istess effetti tal-kondizzjoni risoluttiva għax huwa sottintiż f'kull kuntratt bilaterali, iżda l-kuntratt ma jaqax* ***ipso iure*** *u għad-differenza tal-kondizzjoni risoluttiva, l-Qorti tista' dejjem tagħti żmien lill-parti inadempjenti biex tirregola ruħha. Il-konvenut ma jistax jinħall jew iwaqqa' l-kuntratt, imma l-iktar li jista' jagħmel, jitlob li jinħall b'ministeru tal-Qorti fuq talba tal-parti u mhux ope exceptionis*." [8]

---

[6] art. 1165 .
[7] Giovanni Pacchioni : Diritto Civile Italiano : Pte. 2da Diritto Delle Obbligazioni vol. II. Dei Contratti in Generale Cap. III. para. 6 pag. 44 .
[8] Mark Borda noe. vs Rafael Muscat : kollez. Vol. LXVIII. III. 73; ara wkoll : vol. XXXVII. I. 197 .

Huwa evidenti illi fil-każ tagħna, minkejja li ma kienx hemm kondizzjoni risoluttiva **espressa** fil-ftehim bejn il-kontendenti, il-konvenuti ma rrikorrewx lejn il-Qorti biex jitolbu li jiġi xjolt il-kuntratt ta' appalt, kif tistipula l-liġi u jinsab ikkonfermat fid-dottrina u l-ġurisprudenza. Imma hawnhekk m'għandniex appalt li ġie xolt mill-konvenuti qabel ma laħaq twettaq l-inkarigu kollu li ġie mogħti lill-appaltatur. Ir-riċeviment sar kollu, u ġie anke servut l-ikel li kien ġie ordnat. L-ilment tal-konvenuti huwa dwar il-kwalita' ta' parti minn dan l-ikel, li fil-fehma tagħhom ma kienx tajjeb għall-konsum, u huwa appuntu għal din ir-raġuni illi huma qed jirrifjutaw li ħallsu għal dan ir-riċeviment.

Kif jindikaw fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom il-konvenuti qed jibbażaw id-difiża tagħhom fuq l-***exceptio inadempleti contractus***. Ġie spjegat f'dan ir-rigward illi "*Per exceptio inadempleti conractus si intende, come dice il termine stesso, un'eccezione che il debitore (in base a contratto bilaterale) che venga convenuto dalla contraparte per l'esecuzione della sua propria obbligazione, puo' opporre, se la contraparte che agisce contro di lui, non abbia, essa stessa, adempiuto, o non sia pronta ad adempiere*." [9]

Il-Kodiċi Ċivili tagħna jagħmel aċċenn għal din l-eċċezzjoni fir-rigward biss tal-**bejgħ,** fejn jingħad illi:

"**Il-bejjiegħ mhux obbligat jikkunsinna l-ħaġa jekk ix-xerrej ma jħallasx il-prezz tagħha, ħlief meta l-bejjiegħ ikun ta lix-xerrej żmien għall-ħlas**." [10]

Madankollu huwa aċċettat fid-dottrina illi din l-eċċezzjoni tista' tapplika anke fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt bilaterali ieħor. "*Ma a nostro parere, e secondo l'opinione prevalente sia in dottrina che in gurisprudenza, l'exceptio inadimpleti contractus puo' venir opposta in ogni altro caso di contratto sinallagmatico. Ne' varrebbe obiettare, in senso contrario, che il codice civile nostro non menziona*

---

[9] Giovanni Pacchioni : Diritto Civile Italiano pte. 2da. Diritto Delle Obligazioni vol. II. Dei Contratti in Generale, cap. III. pag. 39 para. 1 .
[10] art. 1391 kap. 16 .

*in alcun suo articolo l'exceptio non adimpelti contractus, mentre ha, d'altra parte, sufficientemente provveduto a tutelare le parti contraenti coll' art. 1165 cod. civ..,* (simili għall-artiklu 1068 kap. 16 tagħna) *relativo alla cosi detta condizione risolutiva tacita. Al silenzio del codice non puo' attribuirsi il significato di esclusione della exceptio n, a. c. perche', con molti altri esempi, puo' facilmente dimostrarsi che non tutto il diritto civile vigente e' contenuto e regolato espressamente nel codice civile. Il codice non contiene che lo scheletro del nostro sistema giuridico privato, mentre i tessuti sono, in gran parte, contenuti nel complesso delle teorie e dei principii tramandati che si vengono diuturnamente plasmando e riplasmando intorno al codice*." [11]

Ingħad mill-qrati tagħna dwar din l-eċċezzjoni illi:

" *F'materja ta' kuntratti min jonqos li jwettaq l-obbligazzjoni li jkun intrabat biha, jkun responsabbli għad-danni u l-kreditur jista' jiġi awtorizzat iwettaq hu stess l-obbligazzjoni bi spejjeż tad-debitur. Madankollu meta tingħata l-eċċezzjoni 'inadempleti non est adimplendum' jista' jkun hemm rabta bejn iż-żewġ obbligazzjonijiet imnissla mill-istess rapport sinillagmatiku. Jeħtieġ li jkun hemm proporzjon bejn l-inadempjenza li biha l-kreditur ikun mixli u dik rifjutata mid-debitur. Fuq kollox in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni irid ikun ta' ċerta gravita'. Meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb għan-nuqqas jew jaċċetta t-tnaqqis f'dak li jistħoqlu li jitħallas. F'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur jista' jagħzel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq ukoll kontra r-rieda tad-debitur jew inkella jitlob li jitħallas għad-danni li jkun ġarrab minħabba n-nuqqas ta' twettiq*." [12]

Hekk ukoll ġie ribadit illi:

[11] op. cit. para. 1 pag. 40
[12] Prim'Awla : Alexander Bonello noe. vs Phoenix Co. Ltd. : 25.09.2003.

"*Ir-rekwiżiti tal-eċċezzjoni 'inadimpleti non est adimplendum' huma tlieta: (i) l-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tiegħu trid tkun parti ntegrali mill-ftehim; (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (iii) irid ikun hemm proporzjonalita' bejn l-inadempjenza tal-partijiet u ċioe' li n-nuqqas tal-attur relattivament għall-prestazzjonijiet li huwa jesiġi mill-konvenut tkun ta' ċerta gravita'*." [13]

Jibqa' għalhekk sabiex jiġi stabilit jekk l-allegazzjonijiet tal-konvenuti rriżultawx tassew fondati. Ġew prodotti diversi xhieda, lkoll mistednin għar-riċeviment in kwistjoni, li spjegaw kif bdew ibatu minn sintomi ta' gastrointeritis, jew waqt ir-riċeviment stess jew l-għada.[14] Is-soċjeta' attriċi ppruvat titfa' dubbju fuq il-kredibilita' ta' dawn ix-xhieda billi ssostni li l-affidavits tagħhom kienu ripettitivi u korali. Imma jekk dawn kellhom l-istess sintomi, fir-realta' ftit li xejn setgħet tvarja d-depożizzjoni tagħhom. Anzi xi uħud minnhom li kienu rrikorrew għand it-tobba, ġew ukoll ikkorroborati minn dawn it-tobba li kkonfermaw il-kondizzjoni tagħhom.

Ġie sostnut ukoll li minn spezzjonijiet li saru kemm mid-Dipartiment tas-Sanita' kif ukoll mill-uffiċċjal ta' l-istess soċjeta' attriċi responsabbli mill-"Food, Safety and Hygiene," ma nstab xejn irregolari fil-kċina tal-lukanda fejn sar dan ir-riċeviment.[15] Apparti l-fatt illi dawn l-ispezzjonijiet saru ġranet wara it-tieġ, fejn allura ma kien baqa' l-ebda fdalijiet mill-ikel li kien ġie servut f'dak ir-riċeviment, għajr biċċa mill-*wedding cake,* jirriżulta li tas-sanita' kienu sabu diversi nuqqasijiet li ġew indikati fir-rapport relattiv tagħhom.[16] Minħabba li ma kienx possibbli għall-uffiċċjali tad-Dipartiment tas-Sanita' li jeżaminaw l-ikel li ġie servut fir-riċeviment, dawn irrikorew għal strateġiji alternattivi biex jippruvaw isibu r-raġuni għal dak li kien ġara. Infatti talbu u akkwistaw lista tal-mistednin

---

[13] Appell Civili : Engineering Services Ltd. vs Reuter Malta Ltd.: 20.10.2003 .
[14] ara affidavits a fol. 120 - 150 tal-process .
[15] ara fir-rigward ta' dan ta' l-aħħar ix-xhieda ta' Joe Grixti a fol. 75 - 77 tal-process .
[16] ara rapport ta' Joseph Borg, Principal Health Inspector a fol. 63 - 65 tal-process .

kollha għal dan it-tieġ, u kkuntatjaw numru konsiderevoli minnhom permezz tat-*telehone* biex dawn iwieġbu għal *questionaire* li saret apposta dwar is-sintomi li ħassew u l-ikel li kienu kkonsmaw waqt ir-riċeviment.[17] Instab li kien hemm 'l fuq minn mitt mistieden għal dan it-tieġ, li kienet qabditu l-gastrointeritis in sewgitu għall-istess riċeviment. Saret ukoll *stool culture* fuq uħud minn dawn il-vittmi, biex jiġi stabilit jekk dak li ġara kienx kawża ta' xi mikrobu fl-ikel li kien ġie kkonsmat, u għalkemm ma nstab l-ebda mikrobu mill-eżamijiet li saru fil-laboratorju, it-tabib Dottor Ercole Spiteri, inkarigat mid-Dipartiment tas-Saħħa minn każijiet bħal dawn, spjega li ma setax jeskludi għal kollox il-preżenza ta' xi mikrobu li seta' kkontamina l-ikel, billi normalment jittieħdu mill-inqas tliet *samples* minn kull pazjent sabiex tiġi eliminata din il-possibilita', ħaġa li għal xi raġuni baqgħet ma saritx f'dan il-każ. Spjega wkoll illi minħabba illi l-effett fuq il-mistednin milquta' inħass pjuttost malajr, x'aktarx li l-kawża ta' dak li ġara kien xi virus li nxtered fuq l-ikel minn xi ħadd fil-kċina li kien ġia nfettat.[18]

Is-soċjeta' attriċi tikkontendi illi li ma kien hemm xejn konklussiv fir-riżultanzi ta' l-awtoritajiet li nvestigaw dan il-każ, tant li ma ttieħdu ebda proċeduri kriminali kontriha. Issostni wkoll illi jekk dak li ġara kien ikkawżat minn xi virus, u Paul Banavage, il-General Manager ta' l-Mgarr Hotel jgħid li dik il-ħabta kien hawn tifqigħa tal-virus li jikkawża l-gastrointerite, il-mistednin li ġew milquta' kienu ġia nfettati qabel ma kielu mill-ikel pprovdut waqt dan ir-riċeviment[19].

Madankollu, apparti l-fatt li l-ebda wieħed mit-tobba li ġew prodotti sabiex jagħtu d-depożizzjoni tagħhom f'din il-kawża ma kien f'pożizzjoni jikkonferma li tassew kien hemm xi tifqigħa bħal din, ma tantx jista' jkun verosimili li daqstant mistednin marru ġia nfettati b'dan il-virus għar-riċeviment in kwistjoni, u kollha bdew iħossu l-konsegwenzi ta' din l-infezzjoni f'daqqa jew

[17] ara riżultat ta' dan il-questionaire (envelope anness, esebit waqt id-depożizzjoni ta' Dr. Ercole Spiteri ta' l-24. 03.2009) .
[18] ara depożizzjoni ta' Dr. Ercole Spiteri a fol. 320 – 326 .
[19] ara xhieda tiegħu a fol. 33 - 34.

immedjatamnet wara li kienu ħadu mill-ikel ipprovdut fl-istess riċeviment.

Billi r-rekwiżiti għall-eċċezzjoni *'inadempleti non est adimplendum*' kif imfissra hawn fuq, ġew adegwatament sodisfatti, hija għaldaqstant ġustifikata l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenuti dwar l-inadempjenza tas-soċjeta' attriċi li twettaq l-obbligi tagħha skond kif mistenni minnha f'ċirkostanzi simili. Billi wkoll hija l-fehma ta' din il-Qorti li bil-mod kif svolġew l-affarijiet f'dan il-każ, fejn jista' jingħad bla tlaqlieq li dak li suppost kellu jkun l-isbaħ ġurnata għall-għarajjes kellu jispiċċa b'dawn il-konsegwenzi xejn mistennija u mixtieqa, lanqas huwa l-każ li s-soċjeta' attriċi tkun intitolata għal xi parti mill-ħlas minnha pretiż, għaliex il-gravita' fin-nuqqas tagħha li twettaq l-obbligi minnha assunti skond l-arti u s-sengħa, tegħleb kwalunkwe servizz tajjeb li seta' altrimenti ngħata.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------